MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 527/2013

M.D. Said Bros. (P328)
vs
Tal-Herba Construction Limited (C 14183)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija importatur u tinnegozja f'materjal u merkanzija relatata ma' bini u kostruzzjoni;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti ghal numru ta' snin kienet fuq bazi regolari, tbigh u tikkonsenja materjal u merkanzija lis-socjeta` intimata liema socjeta` intimata hija kuntrattur tal-bini;

3. Illi s-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata kienu jahdmu b'sistema fejn is-socjeta` intimata kienet tiehu merkanzija minghand is-socjeta` rikorrenti u tinhareg l-

*invoice* relattiva u kultant zmien is-socjeta` intimata kienet thallas ammont akkont tal-bilanc dovut;

4. Illi sal-ahhar konsenja ossija dik tat-23 ta' Settembru, 2008 il-bilanc dovut kien sebgha u sebghin elf u disgha ewro u wiehed u hamsin centezmu ta' l-ewro (€77,009.51) liema ammont jinkludi l-VAT kif jidher mir-rendikont anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok. MDS1;

5. Illi fil-frattemp saru varji tentattivi bejn il-kontendenti sabiex dan il-bilanc jithallas izda ma ntlahqet ebda soluzzjoni;

6. Illi s-socjeta` intimata *nonostante* li giet debitament interpellata mis-socjeta` rikorrenti sabiex thallas baqghet inadempjenti;

7. Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

8. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza u tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u sebghin elf u disgha ewro u wiehed u hamsin centezmu ta' l-ewro (€77,009.51) liema ammont jinkludi l-VAT u liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' materjal u merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` intimata;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebgha u sebghin elf u disgha ewro u wiehed u hamsin centezmu ta' l-ewro (€77,009.51) liema ammont jinkludi l-VAT u liema ammont jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' materjal u merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` intimata, u oltre dan l-ammont tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-imghaxijiet kummercjali kalkolabbli mid-data ta' kull *invoice* sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-disgha (9) ta' April, 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru prezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull *invoice* sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata li d-diretturi tas-socjeta` intimata gew ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2013 dehret Dr. Katia Mercieca ghas-socjeta` intimata u ddikjarat li l-intimata qed tammetti t-talba.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza u tipprocedi ghas-sentenza *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €77,009.51 liema ammont jinkludi l-VAT u

liema ammont jirrapprezenta bilanc ta’ prezz ta’ materjal u merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` intimata.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ €77,009.51 liema ammont jinkludi l-VAT u liema ammont jirrapprezenta bilanc ta’ prezz ta’ materjal u merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` intimata, u *oltre* dan l-ammont tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-imghaxijiet kummercjali kalkolabbli mid-data ta’ kull *invoice* sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ April, 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru u bl-imghax kummercjali mid-data ta’ kull *invoice* sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------